**MALTA**

## TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2016

Talba Numru: 213/2015AM3

Numru fuq il-Lista: 2

**GO plc – C22334**
**Triq Fra Diego, Marsa, MRS 1501**

**vs**

**Mariella Micallef (ID 228572M)**
**45, Flat 1, Sqaq il-Biccerija,**
**Birkirkara**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ppreżentat fit-18 ta' Mejju, 2015, illi permezz tiegħu s-Soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenuta tas-somma ta' elf, disgha u erbghin ewro u sitta u erbghin centezmu (€1049.46c) rappreżentanti ammont in

konnessjoni mas-servizz ta' kommunikazzjoni bil-kont numru *A/C 40164753* mogħtija mis-Soċjeta' attriċi lill-konvenuta.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta ġiet debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Rat l-affidavit ta' Charmaine Wiffen rappreżentanta tas-Soċjeta` attriċi tikkonferma bil-ġurament illi l-ammont pretiż mis-Soċjeta` attriċi, għadu dovut u ma tħallasx.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, t-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-Soċjeta′ attriċi s-somma ta' elf u disgha u erbghin ewro u sitta u erbghin centezmu (€1,049.46c) bl-imghax legali, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inklużi tal-ittra uffiċjali numru 2822/13 huma a karigu tal-konvenuta.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**